**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 17/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Owen Schembri**

Illum, 13 ta' Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Owen Schembri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0173602(L), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-16 ta' Settembru 2022, għall-ħabta ta' 09:54hrs fi Triq il-Belt Valletta, Żurrieq, saq vettura b'numru ta' reġistrazzjoni DBV846 :

1. Mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta,
2. U talli saq l-istess vettura mingħajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Diċembru 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, il-L.S. 65.18 Artikolu 36B u L.S. 65.18 Sitt Skeda, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni kontra tiegħu stante li kien hemm ammissjoni u kkundanatu multa ta' mitejn u ħamsin Ewro u sabitu mhux ħati tat-tieni imputazzjoni kontra tiegħu stante li r-reat ma jissusistix.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, intavolat fis-16 ta' Jannar 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet ħtija fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-appellat u tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ma sabitx ħtija fir-rigward tat-tieni mputazzjoni u minflok issib ħtija u tinfliġġi piena adegwata u skond il-liġi fir-rigward tagħha ukoll.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-aggravju tal-Avukat Ġenerali jikkonċerna dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellat kien illiberat mit-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u dan għaliex, fil-fehma tiegħu, l-provi prodotti kienu jippuntaw lejn il-ħtija għal din l-imputazzjoni wkoll.

Illi, mill-*affidavit* redatt minn Stephen Cachia, rapprezentant ta' *Transport Malta*, jirriżulta li l-appellat "**... fis-16 ta' Settembru 2022 ma kellu l-ebda kategorija ta' liċenzja tas-sewqan Maltija**", u għalhekk fil-jum li seħħ l-inċident stradali bejn il-mutur misjuq minnu u l-vettura misjuqa minn Giuseppe Attard, l-appellat ma kellux liċenzja tas-sewqan, kif *del resto* ammetta huwa stess quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi, ukoll, mill-polza ta' assigurazzjoni eżebita in atti jirrizulta li tali polza, maħruġa mis-soċjeta' ta'l-assigurazzjoni *Elmo Insurance* tkopri il-mutur bin-numru ta'

reġistrazzjoni DBV-846, liema mutur jgħajjat lil Maria Rosaria Farrugia. Jirriżulta ukoll li tali polza daħlet fis-seħħ nhar it-12 ta' Settembru 2022 u kienet tiskadi nhar it-30 ta' April 2023. *In oltre*, mill-istess dokument jidher li l-unika persuna indikata bħala "*Authorised Driver*" ta' dan il-mutur hija l-assigurata Farrugia. *In oltre*, George Stagno Navarro, in rapprezentanza ta' *Elmo Insurance* xehed li "**l-polza ta' assigurazzjoni tkopri jekk ikollu *a valid driving licence***". Mistoqsi mill-Qorti x'jiġri jekk is-sewwieq ma jkunx "*a named driver*", Stagno Navarro jwieġeb li f'dak il-każ il-polza ma tapplikax. Ifisser għalhekk illi l-appellat mhuwiex imnizzel bħala "*authorised driver*" fuq il-polza ta' assigurazzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri.

Illi, l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tistrieħ fuq id-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fl-appell *Il-Pulizija vs Emanuel Zarb*, deċiża fis-26 ta' Marzu 2015. Illi din il-Qorti, kif ippresjeduta, iżda, tbiegħdet minn dan l-insenjament f'diversi pronunzjamenti minnha magħmula sal-lum u dan għas-segwenti motivi.

Illi l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, jaqra:-

> **Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-<u>użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra</u>, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.**

Illi, pero' il-leġislatur ma waqafx hemmhekk u dan meta fis-sub-artikoli (1A) u (1B) hemm hekk dispost:-

> **(1A) <u>Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).</u> <u>(enfazi ta' dina l-Qorti)</u>**
>
> **(1B) Tista' tingħata eċċezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taħt is-subartikolu (1), mill-akkużat jekk iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr ma huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir.**

Illi, ukoll l-artikolu 4(4) ta' l-istess Att jipprovdi illi:

> **"Polza ta' assigurazzjoni ma għandha ebda effett għall-finijiet ta' din l-Ordinanza kemm-il darba u sakemm ma jiġix maħruġ mill-assiguratur**

**awtorizzat favur il-persuna li ħadet il-polza, ċertifikat (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsemmi "ċertifikat ta' assigurazzjoni") fil-forma stabbilita; u meta l-polza ta'assigurazzjoni tkun ċertifikat internazzjonali ta' assigurazzjoni, dak iċ-ċertifikat internazzjonali għandu, għall-finijiet kollha ta' din l-Ordinanza ħlief meta r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, ikun iċ-ċertifikat ta' assigurazzjoni meħtieġ li jinħareġ taħt dan is-subartikolu."**

Illi, huwa evidenti minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-liġi illi għandha tirriżulta ir-reita' kull meta ma jkunx hemm maħruġ <u>favur il-persuna imputata</u> bir-reat taħt l-Artikolu 3 ċertifikat ta' l-assigurazzjoni. Il-leġislatur, imbagħad, iqiegħed fuq l-ispalla tal-persuna akkużata l-ħtieġa li huwa jeżonera ruħu mir-responsabbilta' kriminali meta allura għandu jgib prova illi l-vettura hija koperta b'polza ta'l-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u dan billi juri li hemm fuq saqajh ċertifikat ta'l-assigurazzjoni maħruġ fit-termini ta'l-artikolu 4(4) ta'l-Ordinanza **<u>favur tiegħu</u>**. Illi ir-responsabbilta' penali għandha tinżamm distina minn dik ċivili u dan għaliex għandu jissussiti ir-reat kull meta ma jkunx hemm polza ta'l-assigurazzjoni li tkun tkopri il-persuna li tkun qed tagħmel użu minn dik il-vettura u kwindi l-ġudikabbli ma jistax jeżimi ruħu mill-ħtija għal kummissjoni tar-reat, sempliċement għaliex hemm polza fuq saqajha li ċivilment xortawaħda tkopri id-danni li talvolta jistgħu jkunu sofferti minn terzi, u dan għaliex l-azzjoni ċivili hija għal kollox separata u distinta minn dik penali.

Illi mbagħad ir-regolamenti mfassla fid-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà, jingħad hekk fil-preambolu 3 għad-Direttiva fejn hemm indikat l-għan wara dawn ir-regolamenti komunitarji.

**Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jassigura li r-<u>responsabbiltà ċivili</u> fir-rigward tal-<u>użu ta' vetturi</u> normalment ibbażati fit-territorju tiegħu hi koperta b'assigurazzjoni. Il-limitu tar-responsabbiltà koperta u t-termini u l-kondizzjonijiet ta' din il-kopertura għandhom jiġu determinati fuq il-bażi ta' dawk il-miżuri.**

Illi l-miżuri ewropej ifittxu sabiex jassiguraw illi l-użu tal-vetturi jkun kopert b'polza ta'l-assigurazzjoni u mhux il-vettura innifisha. L-artikolu 3 għalkemm intestat dwar l-'assigurazzjoni obbligatorja għall-vettura', madanakollu jiddisponi illi:

> **Kull Stat Membru għandu, soġġett għall-Artikolu 5, jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jassigura li r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-<u>użu ta' vetturi</u> normalment ibbażati fit-territorju tiegħu tkun koperta minn assigurazzjoni.**

Illi huwa evidenti illi d-direttiva titkellem fl-ewwel lok fuq responsabbiltajiet ċivili u mhux penali, u ukoll illi din tirreferi għall-użu ta' vettura u mhux għall-vettura innifisha. Illi anke l-artikolu 13, liema artikolu jipprojbixxi deroga mill-applikabbilita' ta'l-artikolu 3 hawn fuq iċċitat fil-każijiet fejn per eżempju is-sewwieq ma jkollux liċenzja tas-sewqan, din tirreferi esklussivament għall-obbligi ċivili tas-soċjetajiet ta'l-assigurazzjoni li meta jkun hemm polza fuq saqajha it-terz danneġġjat għandu jkun dejjem indennizzat għal kwalunkwe ħsara minnu sofferta. Ma jirreferiex għar-responsabbilta' penali ta' min jintenta isuq vettura meta ma jkollux liċenzja tas-sewqan jew polza tal-assigurazzjoni li tkopri is-sewqan tiegħu. Li kieku kien hekk allura il-qrati ta' ġurisdizzjoni penali jkunu qed jagħtu *carte blanche* lil kull min jidhirlu illi għalkemm ma għandux liċenzja tas-sewqan u/jew polza ta'l-assigurazzjoni maħruġa f'ismu jew inkella li tindikah bħala *authorised driver*, jista' xortawaħda isuq vettura li jkollha polza ta'l-assigurazzjoni fuq saqajha, iżda li ma tkunx tkoprieh. Tant hu hekk illi d-direttiva tħalli f'idejn l-Istati Membri jilleġislaw dawk il-liġijiet li jidhrilhom meħtieġa sabiex ikun żgurat l-applikazzjoni tagħha:

> **L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pieni għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li huma jadottaw fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u jieħdu l-passi meħtieġa biex jassiguraw l-applikazzjoni tagħhom. Il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u disważivi.**

Illi finalment r-regolament 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 104.01 jistipola illi t-tiġdid jew l-applikazzjoni għal liċenza għal vettura mal-awtorita' konċernata tista' ssir unikament jekk l-persuna li tkun qed tapplika għal liċenza turi illi tkun fis-seħħ polza tal-assigurazzjoni f'isimha dwar l-użu minnha ta' dik il-vettura.

> **Kull persuna li tapplika għal liċenza jew biex tiġġedded liċenza għal vettura bil-mutur għandha tipproduċi lill-Kummissarju cover note jew**

**ċertifikat ta' sigurtà li juri illi fid-data meta l-liċenza tibda tgħodd tkun qiegħda <u>sseħħ polza dwar il-persuna li tkun qiegħda tuża l-vettura bil-mutur</u> minn min japplika jew minn persuni oħra bl-ordni jew bil-permess tagħha, u din il-cover note jew ċertifikat jikkostitwixxi għall-finijiet ta' l-artikolu 7 ta' l-Ordinanza prova illi fid-data meta l-liċenza jew it-tiġdid jibda jgħodd ikun hemm isseħħ il-polza meħtieġa.**

Bl-artikolu 7 tal-Att imbagħad jiddisponi illi:

**Il-persuna li titlob liċenza jew it-tiġdid ta' liċenza għal vettura bil-mutur għandha ġġib prova kif jiġi stabbilit illi jew-**

**(a) li fid-data meta l-liċenza jibda jkollha effett tkun isseħħ il-polza ta' assigurazzjoni meħtieġa għall-<u>użu tal-vettura mir-rikorrent jew minn persuni oħrajn b'ordni tiegħu</u> jew bil-permess tiegħu; inkella**

**(b) li l-vettura hija waħda li għaliha jgħodd l-artikolu 3(4).**

Illi, hekk kif kien stabbilit fil-kawżi bl-ismijiet "<u>Il-Pulizija vs. Plamen Petko</u>"[1] u "<u>Il-Pulizija Vs Jonathan Grech</u>"[2] –

**"…. gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali <u>Il-Pulizija vs. Peter Paul Micallef</u>[3] meta kienet saret ukoll riferenza ghas-sentenza <u>Il-Pulizija vs. Carlo Abela</u>[4] fejn din il-Qorti irriteniet li galadarba persuna ma jkollhiex licenzja tas-sewqan, hi ma tistax tkun koperta b' polza ta' assikurazzjoni u fil-fatt dik hi l-pozizzjoni legali , ghax galadarba jigi pruvat li d-driver ma jkollux driving licence, ebda insurance ma tkoprieh. Jekk umbaghad id-driver ikun daqstant fortunat li jsib xi assikurazzjoni li lesta li tkoprieh anki meta ma jkunx licenzjat biex isuq, jispetta lilu biex jaghmel il-prova ta' tali kopertura u mhux lill-Prosekuzzjoni li tipprova li dik il-karozza partikolari ma kienetx koperta b' polza ta' assikurazzjoni jew li tali assikurazzjoni ma tkunx tkopri lil dak id-driver. Biex issir tali prova altrimenti kull darba jkunu iridu jigu prodotti bhala xhieda r-rapprezentanti tal-assikurazzjonijiet kollha li joperaw f' Malta u Ghawdex biex jiddikjaraw jekk hemmx polza ghall-dik il-vettura jew le u f' kaz li iva jekk id-driver individwalment hux kopert'**

Illi, l-iżvilupp ġurisprudenzjali fir-rigward tar-reat in diżamina kien tajjeb traċċjat minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta meta intqal hekk:

**"Issa, traccjat l-insenjament tal-Qrati tul iz-zmienijiet, jidher illi sas-sena 2005, l-Qrati taghna dejjem fehemu dak li fis-semplicita' tieghu jipprovdi l-**

1 Deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Novembru 2006.
2 Deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Jannar 2007.
3 Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta Settembru 2002.
4 Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Lulju 1996.

**artikolu 3 tal-Kap 104, igifieri li hadd ma jista' jsuq vettura bil-mutur jekk ma jkunx debitament assikurat biex jaghmel dan. Dik is-sentenza izda tippernja fuq id-doveri tal-kumpaniji tal-assikurazzjoni u bid-dovut rigward, l-obbligi u l-kundizzjonijiet li l-kumpaniji tal-assikurazzjoni jassumu mal-Awtoritajiet kompriz ir-Regolatur, sabiex tinhargilhom u jzommu fis-sehh il-licenzji taghhom bhala assikurazzjoni kompriz l-obbligi taghhom li jiehu sehem f'pool bhala insurers concerned, ma jistghax jitqies li jezonera lil kull sewwieq mill-obbligi tieghu taht il-Kapitolu 104. Tant hu hekk illi, ghad li s-sentenza fl-ismijiet Scuderi kien font ta' referenza ghal diversi kawzi anke jekk mhix dejjem segwita, l-Qorti tal-Appell kellha ripensament u fis-sentenza taghha Il-Pulizija vs Andre Apap tal-4 ta' Frar, 2011 rriteniet illi ma taqbilx mad-distinzjonijiet li saru minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi taghha Il-Pulizija vs Angelo Scuderi (3.11.2005), Il-Pulizija vs Stefan Apap (26.4.2007) u Il-Pulizija vs Charles Galea (7.5.2007) u ohrajn "dwar meta tiskatta l-prezunzjoni prevista fissubartikolu 3(1A) tal-Kap 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104 huwa car u inekwivoku fil-portata tieghu."**[5]

Illi, tgħid hekk is-sentenza <u>Il-Pulizija vs Andre' Apap</u> li għaliha tagħmel referenza l-Qorti fid-deċiżjoni su-iċċitata:

**"Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104 hu ċar u inekwivoku fil-portata tiegħu: il-preżunzjoni in kwistjoni tiskatta kull meta "...min jiġi akkużat b'reat taht issubartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri certifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4)" tal-Kap. 104. Din id-dispozizzjoni ma tħalli lok għall-ebda interpretazzjoni. Qatt ma kien hemm xi htiega li jsir xi sforz biex id-dispozizzjoni tal-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 tiġi rikonċiljata permezz ta' proċess ta' interpretazzjoni mad-dispozizzjoni tal-artikolu 10(1) tal-istess Kap għaliex iz-żewġ dispożizzjonijet jirregolaw sitwazzjonijiet diversi. L-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 jirregola x'jiġri fi proċeduri kriminali għal reat taħt l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 mentri l-artikolu 10(1) tal-istess Kap jirregola ir-riżarċiment mill-assikurazzjoni għal xi responsabbilta' għal dejn ċivili li għandha tkun koperta minn polza ta' assikurazzjoni. B'dak kollu li hemm fl-artikolu 10(1) tal-Kap 104 il-pożizzjoni li hemm fl-artikolu 3(1A) talistess Kap tibqa' mhux mittiefsa u ċioe' li fi proċeduri kriminali għal reat taħt l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 kemm-il darba l-akkużat ma jgibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4) jiġi preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni'**

Illi, konsegwentement tenut kont tad-diċitura tal-liġi applikabbli għal din l-imputazzjoni in dizamina, ġialadarba ġie ppruvat mingħajr l-ebda dubbju, li l-appellat ma kellux liċenzja tas-sewqan dakinhar tal-inċident *de quo*, huwa ma seta' jkun qatt kopert b'polza ta' assigurazzjoni. Dan għaliex l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta jipprospetta l-ħtija tal-persuna li ssuq vettura meta il-polza ta' l-

[5] Il-Pulizija vs Joseph Gatt deċiza nhar it-18 ta' Jannar 2016.

assigurazzjoni ma tkopriex tali sewqan minn dik il-persuna. Din il-prova ma ssirx mill-Prosekuzzjoni, iżda trid issir mill-persuna mputata, prova li neċessarjament hija f'idejh bħala dik il-persuna li hija mixlija bl-att vjolattiv. Illi bix-xiehda ta' George Stagno Navarro hemm prova inkonfutabbli illi l-polza ta'l-assigurazzjoni li kien hemm fuq il-mutur li kien qed isuq l-appellat fil-jum tas-sinistru ma kenitx tkoprieh u allura għandha tissussisti r-reita'.

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali. Tgħaddi għalhekk sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi:**

**i) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat, fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu; u**

**ii) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mit-tieni mputazzjoni u minflok issibu ħati ta' l-istess, u dana fit-termini ta' l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta; u**

**iii) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat multa ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) u minflok tikkundannah multa ta' tlett elef Ewro (€3,000) kif ukoll tiskwalifikah milli jkollu jew li jikseb liċenzja tas-sewqan għal zmien ta' sena u xahar mid-data ta' din is-sentenza, b'dan illi l-iskwalifika tal-liċenzja mposta fuqu tidħol fis-seħħ fid-disgħa ta' għada filgħodu.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**